TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 168/12-F

**Shawn Mintoff**
**vs**
**Loredana Camilleri Grech eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Joeden Travel Group**

Illum 12 ta' Marzu, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta', Lulju, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti danni li ssubixxa l-istess rikorrenti minħabba l-fatt illi ma setax jara l-logħba.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ibbukja vjaġġ lejn l-Italja u xtara wkoll il-biljetti tal-ajru u kif ukoll tal-logħba tal-futbol, pero' peress li d-data ġiet spustjata, l-logħba ġiet ikkanċellata. Minkejja li ħa l-flus lura, xorta qed jippretendi għad-danni.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi hi kienet tagħtu l-flus kollha lura li kien ħallas u li ġara hu li kienet ġiet spustjata d-data u għalhekk f'dik il-ġurnata ma setax imur.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti tħallas u li verament ġiet spustjata d-data li kienet xi ħaġa li s-soċjeta' ntimata ma kellhiex kontroll fuqha.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888